MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru. 607/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Borg)**
**vs**
**Erica Atard ta' 23 sena bint Eugenio u Maria Lourdes nee Portelli mwielda Pieta nhar l-10 ta' Lulju, 1983, li toqghod Blk Xiii Flt 2, Pjazza Mons. P.P. Psaila, Qormi, detentura tal-karta ta' l-identita numru 355883M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputata Charles Erica Attard u cioe' talli:

1. Nhar it-2 ta' Lulju, 2007 u fil-granet ta' qabel , b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew mazghmula b'rizoluzzjoni wahd, ikkommettiet serq ta' ammonti ta' flus billi ghamlet uzu minn ATM Card f'diversi branches ta' ;-HSBC u BOV kif ukoll fi hwienet ghad-

detriment ta' Eleonora Attard, liema serq huwa kwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur (skond l-Art 267, 268(b), 269(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data u qabel din id-data f'dawn il-gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xejntement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom (skond l-Art 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli ta' l-Avukat Generali ta' l-10 ta' Settembru, 2007;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha llum mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Illi dwar il-piena pero l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, ghandha fedina penali netta u anke irrifondiet diga lill-ohtha parti mis-somma medhudha u cioe nofs l-ammont.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddecieda billi waras li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269, 279(a), 280, 281, u 334 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssibha hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal sena prigunerija liema perjodu ta' prigunerija bl-applikazzjoni ta' l-azrtikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn mil-lum.

Il-Qorti inoltre wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mala qeghda tordna lill-imputata thallas lil

Eleonora Attard is sommaz ta; Lm486.34 fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kudizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------